MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 691/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**Vs**

**Josef Borg ta' 29 sena bin Louis u Maria nee Tanti imwieled fl-1 ta' April, 1797, residenti f'Barcarolle Place, Flat 3, Triq Carmelo Schembri, Mosta detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 18775 (M)**

**Illum 16 ta' Novembru, 2005**

Il-Qorti.

Rat l-akkuza migjuba kontra l-hawn fuq imsemmi Josef Borg li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fis-17 ta' Lulju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'diversi postijiet, xjentement qieghed gic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm

ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe 856 compact discs konsistenti f'loghob tal-Playstation, loghob tal-kompjuter, DVD's u CDs tal-muzika.

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, fil-fond Barcarolle Place, Flat3, Triq Carmelo Schembri, Mosta ghal qligh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew b'mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Maltajew tahtha.

Il-Qorti hjija genitlment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat registrata fit-18 ta' Marzu, 2005.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat il-Kwerela esebita bha Dok AG.

In vista ta' l-ammissjoni qed issibu hati ta'l-akkuzi kif dedottti kontra tieghu.

Wara li rat l-artikoli 18, 298, 298B u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u nofs mill-lum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti fil-lista B, ghajr ghal zewg mobiles esebiti kif ukoll l-istess computer tower li

minnu pero tordna li tinqala l-hard disc u tigi distrutta. Tinnomina ghal  dan l-iskop lil Martin Bajada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------